MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru 441/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**ANTONIO MALLIA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Antonio Mallia ta’ 37 sena, imwieled l-Imsida nhar l-1 ta’ Gunju, 1968, bin Carmelo u Hilda nee’ Seguna, residenti fil-fond Flat 1, Tagliaferro Mansions, Triq il-Makna tas-Serrar, Msida, detentur tal-karta tal-identita’ numru 249968 (M) ;

Akkuzat talli nhar is-7 ta’ Jannar, 2005, gewwa Tagliaferro Mansions, Triq il-Makna tas-Serrar, Msida, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-bieb tal-flat

numru 13, proprejta' ta' Guzeppa Spiteri, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50.00 (hamsin lira maltin) ghad-dannu tal-istess Julian Guzeppa Spieri, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat:

Ma ssibx lill-imputat hati akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------